

32006R1677

15.11.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 314/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1677/2006**tal-14 ta' Novembru 2006****li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2172/2005, fir-rigward tad-dati tal-applikazzjoni tad-drittijiet tal-importazzjoni għall-kwota tariffarja tul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella¹, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi,

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2172/2005 tat-23 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwota ta' tariffa fuq l-importazzjoni ta' annimali bovini ħajjin ta' piż li ma jaqbiżx [jaqbeż] il-160 kg u li joriġinaw mill-Iżvizzera kif previst fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli² jiftaħ, fuq bażi multiannwali għall-perjodi mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, kwota tariffarja ħielsa mid-dazju ta' 4 600 bhejjem bovini ħajjin li joriġinaw mill-Iżvizzera.
- (2) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 2172/2005 jipprevedi li l-applikazzjoni għad-drittijiet tal-importazzjoni jkunu sottomessi mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru li jiġi qabel il-perjodu annwali tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni. Fid-dawl tal-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, u sabiex l-operaturi ta' dawn il-pajjiżi jitħallew jibbenefikaw minn din il-kwota fl-2007, l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 għandu jiġi estiż sat-8 ta' Jannar 2007.

¹ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

² ĠU L 346, 29.12.2005 p. 10.

- (3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 2172/2005, għall-perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007, l-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni għandhom ikunu sottomessi mhux aktar tard mis-13:00, ħin ta' Brussell, fit-8 ta' Jannar 2007.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Novembru 2006

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni